MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 555/2006

**Bartolo Spiridione sive Dione u martu Mary Tanya Bartolo detenturi rispettivament tal-karti tal-identita` 679061 (M) u 510464 (M)**

**Vs**

**Borg Simon u martu Caroline Borg detenturi rispettivament tal-karti tal-identita` numri 97569 (M) u 542691 (M) u kif ukoll John Sammut**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Gunju, 2006 fejn talab illi l-konvenuti solidalment bejniethom ghandhom ihallsu lill- atturi s-somma ta' elf erbgha mija u tmien liri u tmienja u disghin centezmu (Lm1,408.98) rapprezentanti kont ta' kera u konsum ta' dawl u ilma in konnessjoni mal-fond bl-isem The Food Shop, Triq it-Trill, l-Ghadira kif jirrizulta minn skrittura privata datata 4 ta' Mejju, 2001 Dok DB1 u liema obbligazzjoni kienu giet assunta ukoll minn John Sammut ai termini ta' cheque Dok DB2 li baqa' ma giex onorat.

Ra illi l-konvenuti lkoll ghalkemm legalment debitament notifikati baqghu ma pprezentaw ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba tal-atturi.

Sema' x-xhieda ta' Dr Mark Attard Montalto li bil-gurament tieghu kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma kif mitluba ta' elf erbgha mija u tmien liri u tmienja u disghin centezmu (Lm1,408.98) bl-imghax legali dekoribbli mit-30 ta' Settembru 2003 u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------